21 ta' Ottubru, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O, Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Baruni Alessandro Jan D'Amico Inguanez et.

*versus*

Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne. et.

**Ċitazzjoni — Dikjarazzjonijiet — Liberazzjoni "ab observantia"**

*Meta l-premessa fiċ-ċitazzjoni hija allegazzjoni ta' fatt li jista' jiġi aċċertat fl-istadju tal-provi, ma hemmx bżonn li tintalab dikjarazzjoni speċifika "ad hoc" fl-att taċ-ċitazzjoni, imma hu biżżejjed l-aċċenn għal dak l-istat ta' fatt kontenut fl-istess ċitazzjoni. La darba ċ-ċitazzjoni jkun fiha espożizzjoni ċara u ċerta ta' l-oġġett u tat-talba, mhux meħtieġ li fiċ-ċitazzjoni jintalbu dikjarazzjonijiet, meta l-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-dikjarazzjonijiet ma jippreżentaw ebda diffikultà li tirrikjedi li jiġu riżoluti mill-ġudikant.*

*Barra minn dan, biex ċitazzjoni tiġi mwaqqa', irid ikun hemm raġunijiet gravi; u fost kollox, għandu jiġi eżaminat jekk iċ-ċitazzjoni tkunx defiċjenti jew żbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu.*

*Għaldaqstant ma hemmx lok għall-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju billi d-domanda fiċ-ċitazzjoni tkun bażata*

***fuq stat ta' fatt li jiġi premess fiċ-ċitazzjoni mingħajr ma tintalab dikjarazzjoni ta' l-eżistenza ta' dak l-istat ta' fatt.***

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-atturi, wara li jippermettu illi huma ko-enfitewti tal-fondi numri 157, 158 u 159 Main Street, Lija, *li huma tliet fondi distinti u ta' natura diversa u separata*; u illi l-konvenuti ħarġu Requisition Order numru 100 fit-2 ta' April 1954 relativament għall-fondi 158 u 159, u nfurzaw l-istess Requisition Order billi daħlu fil-pussess ta' dawn iż-żewġ fondi; u illi l-konvenuti jippretendu illi jidħlu fil-pussess tal-fond numru 157, li huwa ġnien, in forza tal-istess Requisition Order, *billi anki jneħħu l-imbarrar tal-ġebel li jissepara l-ġnien* mill-fondi l-oħra; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi deċiż u dikjarat (1) illi r-Requisition Order numru 100 tas-sena 1954 relativament għall-fondi numri 158 u 159 Main Street, Lija, ma tolqotx il-fond numru 157 ta' l-istess triq, li huwa ġnien; *(2) u illi l-konvenuti ma għandhom ebda dritt jneħħu* l-imbarrar, anki tal-ġebel, li jissepara l-imsemmi ġnien mill-fondi l-oħra. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew ingunti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

*Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Onorevoli Joseph Ellul* Mercer bħala Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni, u ta' Wilfred Podestà bħalu Delegat ta' l-istess Ministru, li biha jeċċepixxu, preliminarment, illi l-konvenut Wilfred Podestà ma huwiex ħlief delegat, u bħala tali mandatarju tal-konvenut l-ieħor, u fil-fatt hu f'din il-kwalità li jinsab imħarrek, u għalhekk, *billi ma għandux "locus standi" f'dan il-ġudizzju* separatament mill-konvenut l-ieħor, huwa jitlob li jiġi liberat mill-osservanza ta' l-istess ġudizzju; dejjem preliminarment, illi l-atturi qegħdin manifestament jibbażaw id-domandi tagħhom fuq l-allegazzjoni illi "il-fondi numri 157, 158 u 159 Main Street, Lija, ......... huma tliet fondi distinti u ta' natura *diversa u separata*", *mingħajr però ma talbu* l-opportuna dikjarazzjoni ta' l-eżistenza ta' dan il-fatt, dikjarazzjoni li hi essenzjali, in kwantu fuq l-eżistenza o meno ta' dan l-istat

ta' fatt qiegħed jiġi minnhom radikat stat ta' fatt formanti l-bażi tad-domanda, fil-ħin illi din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha fuqha, u għalhekk ukoll hemm lok għall-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-meritu, u mingħajr preġudizzju, illi tant bir-Requisition Order fiċ-ċitazzjoni, kemm b'Requisition Order ieħor preċedenti tat-22 ta' Diċembru 1953, li għalih l-atturi ma għamlux riferenza, ġie rekwiżizzjonat il-fond uniku kollu, li l-lum iġib in-numri 157, 158 u 159 Main Street, Lija, u li fil-partijiet tiegħu hu kompost min dar, garage, u ġnien interkommunikati; dan jidher illi ġie sostanzjalment ammess mill-attriċi Frances Chesney fl-ittra tagħha ta' l-20 ta' Mejju 1954, li ġiet eżibita (dok. X). Anki fil-Land Valuation Office, del resto, il-fond ġie reġistrat bħala fond uniku b'kera uniku. Illi, għalkemm fl-ewwel Requisition Order tat-22 ta' Diċembru 1953 ġie indikat in-numru 142 Main Street, Lija, fil-fatt dak in-numru, uniku għal fond kollu, hu n-numru ta' qabel ir-rinumerazzjoni effettwata bil-Government Notice 210 tal-11 ta' April 1953; u billi l-atturi kienu fil-fatt jafu u fehmu illi kien jirriferixxi għall-fond uniku kollu li l-lum iġib in-numri 157, 158 u 159, l-istess Requisition Order ikkomprenda l-fond uniku kollu fuq imsemmi; it-tieni "Requisition Order" sar "ex abundanti cautela". Illi tant meta ġie notifikat l-ewwel, kemm meta ġie notifikat it-tieni Requisition Order fuq imsemmi, it-tliet partijiet tal-fond uniku fuq imsemmi kienu interkommunikati mill-aperturi kollha; il-lum stess, għalkemm l-aperturi bejn il-parti "dar" u l-parti "ġnien" jidher li huma mbarrati bil-ġebel, il-kommunikazzjoni bejn il-parti "dar" u l-parti "garage", u bejn din il-parti "ġnien", għadha tissussisti, u għalhekk il-partijiet kollha tal-fond uniku fuq imsemmi għadhom fil-fatt interkommunikati. Illi barra minn dan, il-pretensjonijiet kollha ta' l-atturi, derivanti mis-supposta segregazzjoni tal-ġnien mill-partijiet l-oħra tal-fond, huma ovvjament radikati fuq il-fatt illeċitu ta' imbarrar b'ġebel in kontravvenzjoni għall-"Building (Control) Regulations, 1945" (Government Notice No. 9 tad-9 ta' Jannar, 1945), u possibilment ta' liġijiet oħra. Għalhekk, kwalunkwe imbarrar, anki kieku verament kellu xi importanza għall-finijiet tal-pre-

żenti ġudizzju, ma jistax jitħalla, għandu jitqies bħala legalment ineżistenti, u fi kwalunkwe każ ma jistax iservi ta' bażi għal xi dritt. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 1955, li biha l-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż; wara li, b'rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari, ikkunsidrat;

Illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa. Bħala Delegat tal-Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni, il-konvenut Wilfred Podestà mhux ħlief mandatarju ta' l-istess Ministru; u għalhekk ma hemmx għalfejn, anzi ma hemmx lok, illi huwa jidher miegħu f'dan il-ġudizzju;

U b'rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-istess konvenuti, ikkunsidrat;

Illi t-talba ta' l-atturi hi bażata fuq il-pretensjoni tagħhom li l-fondi msemmija fiċ-ċitazzjoni huma tliet fondi distinti u ta' natura diversa u separata, u li ma jiffurmawx fond wieħed; b'mod illi l-istess talba ta' l-atturi tista' tiġi milqugħa jekk jeżisti dak l-istat ta' fatt pretiż minnhom. Għalhekk, tajjeb ġie sottomess mill-konvenuti illi l-atturi kien imissħom talbu l-opportuna dikjarazzjoni ta' l-eżistenza ta' dak l-istat ta' fatt kif pretiż minnhom, għaliex għall-finijiet tat-talba tagħhom dik id-dikjarazzjoni hi essenzjali, billi fuq l-eżistenza o meno ta' l-istess stat ta' fatt qiegħed jiġi minnhom radikat stat ta' dritt li jifforma l-bażi tat-talba. F'dan is-sens ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Ottubru, 1877, fil-kawża fl-ismijiet "Abdilla vs. Messina": "E' di regola che le domande principali devono essere precedute da domande per dichiarazioni, alle domande principali devono essere aggiunte domande per dichiarazione quando il fatto per cui si domanda la dichiarazione sia stato negato o messo in dubbio dal convenuto, e quindi da lui provocato, o quando la dichiarazione si riconosca indispensabilmente necessaria per la proposizione della domanda principale, come intrinsecamente connessa colla domanda principale" (Vol. VIII, 326). U għalhekk anki din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom, fejn talbu li fil-konfront tal-konvenut Onorevoli Ellul Mercer nomine is-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi dikjarat li ma kienx neċessarju li tintalab espressament id-dikjarazzjoni li l-fondi msemmija fiċ-ċitazzjoni huma tliet fondi distinti u ta' natura diversa u separata, u okkorrendo l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni fil-meritu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmi Onorevoli Ellul Mercer nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fil-premessi taċ-ċitazzjoni jinsab espost li l-atturi "huma ko-enfitewti tal-fondi numri **157**, **158** u **159**, Main Street, Lija, li huma tliet fondi distinti u ta' natura diversa u separata". **Fuq dina** l-premessa huma bażati d-domandi dedotti *fl-att taċ-ċitazzjoni;*

Ikkunsidrat;

Illi l-imsemmija premessa hija allegazzjoni ta' stat ta' fatt li jista' jiġi aċċertat fl-istadju tal-provi, u ma kienx hemm bżonn ta' dikjarazzjoni speċifika "ad hoc" fl-att taċ-ċitazzjoni, imma kien suffiċjenti l-aċċenn fl-istess ċitazzjoni kontenut. Fil-każ in eżami, iċ-ċitazzjoni tikkontjeni, kif jitlob il-liġi, l-espożizzjoni ċara u ċerta ta' l-oġġett u tat-talba; u, kif sostniet din il-Qorti (Vol. V, 166), "sono superflue le dichiarazioni domandate in una citazione, quando i fatti ai quali si riferiscono le stesse dichiarazioni non presentano alcuna difficoltà da richiedere l'ufficio espresso del giudice per la loro risoluzione". Għe wkoll bosta drabi deċiż minn dawn il-Qrati li ċitazzjoni, biex tiġi mwaqqa', irid ikun hemm raġunijiet gravi, u fost kollox għandu jiġi eżaminat jekk tkunx deficjenti jew żbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu — ħaġa li f'dan il-każ hija assolutament eskluża;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba l-appell għandu jiġi milqugħ, u l-atti jiġu mibgħutin lill-Ewwel Qorti skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 231(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell billi tirrevoka, *fil-konfront tal-konvenut* Onorevoli Ellul Mercer nomine, is-sentenza appellata;

U tordna li l-atti jigu mibgħutin lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u deċiżjoni tal-meritu.